


# OFM-LINK

ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI - MALTA
PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU
http://www.ofm.org.mt

NRU. 177 APRIL 12




**Il-kopja oriġinali bil-latin tar-Regola,
li S. Klara t' Assisi kitbet bejn l-1247 u l-1252.
Hija tinsab fil-kappella tar-relikwi tal-qaddisa,
inti u nieżel fil-kripta tal-Bażilika ta' S. Klara f' Assisi.**



## L-GĦID IT-TAJJEB

## LIL KULĦADD

**HALLELUJAH**

# Il-Kitbiet  ta' Santa Klara




Fl-2006 l-**Edizzjoni Tau** tal-provinċja tagħna ppubblikat '**il-Fonti għall-ħajja ta' S. Klara'**. Kienet ħidma intensiva bejn is-sorijiet Klarissi u l-provinċja tagħna: Traduzzjoni - Sr. Marija Immakulata Bellizzi O.S.C., P. Noel Muscat O.F.M. u P. Ġużepp Beneditt Xuereb ; Introdzzjonijiet u apparat kritiku - P. Noel Muscat O.F.M.  F' dan il-volum insibu mhux biss il-kitbiet tagħha, imma wkoll il-fonti medjevali ta' ħajjietha. Il-kitbiet tagħha kienu diġa dehru fl-istampa fl-1986 ma' dawk ta' Franġisku. L-Lgħejun medjevali kienu diġa ġew stampati fi ktieb fl-1993. Imma kienet inħasset il-ħtieġa li jinġabru flimkien f' volum wieħed. Żgur li dawn il-kotba qajmu aktar interess fuq il-persuna ta' S. Klara u fuq kollox ħafna kienu dawk li setgħu jaqraw bil-Malti l-kitbiet tagħha.

Kemm l-edukazzjoni tajba li kellha ġewwa darha, kif ukoll l-esperjenzji li kellha f' ħajjietha għenuha biex tagħmel dan. Imma fuq kollox, il-meditazzjoni profonda li kienet tagħmel fuq il-Kelma t' Alla u t-tagħlim li ħadet mingħand Franġisku, komplew għenuha biex bil-kitba tkun tista' taqsam ma' ħaddieħor l-esperjenza t' Alla f' ħajjietha. Hija tikteb b' mod ċar u l-filosofija, li fuqha ġew mibnija l-kitbiet tagħha, hija dik tad-diskors li Ġesu għamel fuq l-għolja (ara Mattew kap 5 - 7), speċjalment fejn jitkellem dwar iċ-ċaħda u l-ferħ dejjiemi. Skond xi studjużi wisq probabbli li Klara kitbet aktar minn dak li wasal għandna.

Il-kitba li nafu biha hi :

**Ir-Regola** jew **Forma ta' ħajja tal-Ordni tas-Sorijiet Foqra** Fl-istorja Klara hija l-ewwel mara li kitbet regola għall-ordni ta' nisa. Hija ġiet approvata fid-9 t' Awwissu 1253 mill-Papa Innoċenz IV, jumejn qabel mewtha. Fiha nsibu 12 il-kapitlu, li huma mfasslin kważi fuq ir-Regola Bullata ta' Franġisku (1223). Il-fonti tar-regola jinkludu partijiet mir-Regola Benedittina, mill-Kostituzzjonijiet ta' Ugolino (1219) u mir-Regola ta' Innoċenz IV (1247). Fil-kapitlu 6, li huwa ċentrali, hija daħlet kelma b' kelma, l-*Forma vitae* tal-1212 u l-*Ultima voltuntas* li Franġisku kien ta lis-sorijiet. Fl-oriġinal it-test mhux maqsum f' kapitli.

**It-Testment** huwa idejat fuq it-Testment ta' Franġisku u nkiteb forsi fl-1247. Għandu importanza kbira peress li huwa mimli b' tifkriet qaddisa ta' Klara u jisħaq ħafna fuq il-faqar. Għal xi żmien xi studjużi iddubitaw kemm huwa awtentiku.

Ninnutaw li kemm fir-Regola kif ukoll fit-Testment issejjaħ lilha nnifisha 'xitla ċkejkna tal-wisq imqaddes missier Franġisku' u ssemmi lil Franġisku bħala l-fundatur li ddefenda l-idejali tal-ħajja tas-Sorijiet Foqra, b' mod speċjali l-faqar.

**4 ittri lil S. Anjeże ta' Praga** Dawn l-ittri huma biss parti mir-relazzjoni epistolari bejn dawn iż-żewġ nisa qaddisa. Huma juru r-ruħ kontemplattiva ta' Klara. Jidher biċ-ċar l-imħabba kbira tagħha lejn Alla u kif kienet tgħix il-ħajja spiritwali tagħha.

**L-1 ittra** kitbitha għall-ħabta tal-1234/1235 biex tifraħ lil Anjeże, għad-deċizjoni li ħadet li tikkonsagra ruħha lil Alla.

**It-2 ittra**, miktuba bejn Mejju 1235 u l-bidu tal-1237, Klara tinsisti fuq il-perseveranza u l-imitazzjoni tal-faqar ta' Kristu. Din l-ittra hija xhieda ta kemm dawn iż-żewġ nisa riedu jitqabdu biex iħarsu l-fedelta' lejn l-identita' Franġiskana tal-bidu. Isemmi wkoll ir-rabta li għandu jkun hemm mal-Patrijiet Minuri, dak iż-żmien mal-Ministru Ġeneral, fra Elia.

**It-3 ittra** aktarx li inkitbet, fil-bidu tal-1238. Kienet ix-xewqa ta' Agneże li Klara tagħtiha spegazzjoni dwar l-użu tas-sawm fil-monasteru ta' S. Damjan, li s-sorijiet ta' Praga riedu jimitaw (29 {FSK 34}). Hija titkellem fuq il-ferħ ta' min jimxi wara Kristu fil-verġinita' u l-faqar. Fl-istess waqt għandha espressjonijiet mistiċi mill-isbaħ dwar l-għaqda ma' Kristu u l-esperjenza ta' faqar tal-Madonna.

**Ir–4 ittra**, miktuba ftit qabel il-mewt ta' Klara (1253), hija meditazzjoni fuq il-faqar, l-umilta' u l-imħabba ta' Kristu Msallab. Fiha jinħass il-fatt li kien riesaq il-mument li ż-żewġ nisa se jinfirdu minn xulxin. Klara tuża kliem mimli ħlewwa u jissejħilha 'nofs ir-ruħ tiegħi' (1 {FSK 38}). Insibu wkoll espressjonijiet ta' natura mistika għolja u oħrajn meħudin mill-Għanja tal-Għanijiet.

**Ittra lil Ermentrude** Din l-ittra mhijiex meqjusa awtentika, almenu fil-forma tagħha. Setgħet kienet magħmula minn żewġ ittri li Klara kienet kitbet lil din id-dixxipla tagħha. Ermentrude, mara nobbli t' oriġini ġermaniza, kienet iltaqgħet ma' Klara biex titlobha l-permess halli tibni monasteru f' Bruges u tibda tgħix skond l-osservanza tar-Regola ta' S. Klara. Wara li ngħatat il-permess anke mill-Papa, hija ħalliet l-eremitaġġ fejn kienet tgħex u bniet monasteru, li ta bidu tal-ħajja klarjana ġewwa l-*Flanders*. F' din l-ittra jinħass in-nuqqas ta' ħlewwa li hemm fl-ittri l-oħra. Titkellem fuq il-premju li Alla jagħti lil min jibqa' fidil lejn il-wegħdiet li jkun għamel, kif ukoll dwar il-bosta virtujiet u t-talb.




**Il-Barka ta' S. Klara** Tixbaħ ħafna lil dik, li Franġisku kien bagħat lil Fra Leone u jidher li fuqha ġiet miktuba. Wieħed irid jiftakar li l-istess Fra Leone kien punt ta' riferiment kontinwu għal Klara u għas-Sorijiet Foqra, wara l-mewt ta' Franġisku. Min jaf kemm il-darba Klara rat f' idejh il-barka ta' Franġisku. Naturalment hemm xi differenzi, imma Klara żiedet ħafna ma' dik ta' Franġisku, fosthom espressjonijiet meħudin mit-Testment ta' S. Franġisk. Biha hija bierket lis-Sorijiet tagħha qabel ma mietet. Kopji tagħha ġew magħmulin u mibgħutin, forsi bir-rieda tagħha, lis-Sorijiet imxerrdin f' bosta monasteri.

**Min ikun jrid jixtri dan il-ktieb**
**u kotba oħra dwar S. Klara t' Assisi,**
**jista' jakkwista kopja tagħhom**
**jew mingħand il-knejjes tagħna**
**jew mingħand il-ħwienet reliġjużi**
**jew permezz ta' http:// www. tau.hanut.com**



# S. Klara u x-xogħol



‘Is-Sorijiet li l-Mulej tahom il-grazzja li jaħdmu, ħa jaħdmu wara s-siegħa tat-Terza, u japplikaw ruħhom f’ xogħolijiet xierqa u li jservu għall-ġid ta’ kulħadd, u jaħdmu bil-qalb it-tajba u d-devozzjoni kollha, biex hekk, waqt li jbegħdu minnhom il-għażż, għadu tar-ruħ, *ma jiftux fihom l-ispirtu* tat-talb imqaddes (cfr. 1 Tess 5,9) u tad-devozzjoni, li lejhom kull ħaġa maħluqa għandha tressaq’ ({FSK 104}, ara wkoll {FSK 697}). F’ din l-ewwel parti tal-kapitlu 7 tar-Regola ta’ S. Klara diġa ttina ħjiel dwar il-ħsieb tagħha dwar ix-xogħol. Barra li hemm xebħ kbir bejn dan il-kapitlu u l-5 kapitlu tar-Regola Bullata tal-Patrijiet Minuri, Klara terġa tteni l-frażi ‘il-grazzja tax-xogħol’. Dan ix-xogħol għandu dawn il-karatteristiċi: xieraq, ikun ta’ ġid għal kulħadd u jsir bil-qalb it-tajba u b’ devozzjoni. Dan kollu jsir mhux biss biex wieħed ma joqgħodx fil-għażż, imma biex aktar jintela’ bl-ispirtu ta’ talb u devozzjoni. B’ hekk it-talb u x-xogħol manwali jistgħu jkomplu jgħenu lil xulxin.

Fit-tieni parti hija jżid tgħid, ma’ dak li diġa kien qal Franġisku, li : “Il-Badessa jew il-Vigarja tagħha għandha tqassam lis-Sorijiet, fil-kapitlu quddiemm il-komunita’ kollha, ix-xogħol li kull waħda minnhom għandha tagħmel b’idejha’ {FSK 105}. Hawn tidher mhux biss ir-responsabilta’ tal-Badessa, imma li fix-xogħol mogħti individwalment, barra mill-abbilita’ personali, irid jidher ukoll, li jqiegħed isir f’ isem il-fraternita kollha. Huwa fatt ċar li dan ix-xogħol ma jsirx bil-għan ta’ qliegħ għas-sorijiet. F’ dan il-fatt wieħed jara d-differenza bejn din il-fraternita u l-fraternitajiet l-oħra ta’ bosta ordnijet reliġjużi nisa li kienu jinsġu għall-qliegħ. Marco Bartoli, espert fuq ħajjiet S. Klara, jgħid li : “Dan kien il-paradoss ekonomiku f’ S. Damjan:  is-sorijiet kienu jaħdmu biex jirregalaw il-frott tax-xogħol tagħhom u mbgħad jittalbu l-karita’ biex jgħixu”. Fil-fatt fl-istess kapitlu Klara titkellem dwar il-karita’ li jirċievu s-sorijiet u kif is-sorijiet għandhom jitolbu għal min ikun bagħtha.

Fir-Regola tagħha - kapitlu 11 - Klara titkellem ukoll dwar il-każ fejn is-sorijiet meta jkollhom bżonn li jdaħlu fil-klawsura ħaddiema biex jwettqu xi ħidma bżonjuża. Hija tgħid li l-Badessa għandha tagħżel soru, adattata għal mal-bieb biex tiftiħlhom u turihom it-triq. Tkompli tgħid: ‘ Is-sorijiet l-oħra għandhom jfittxu b’għaqal kbir li ma joqogħdux fejn jidhru minn dawk li jidħlu’ ({FSK 127} (ara wkoll 191, 203, 248 u 708).



X’ tip ta’ xogħol kien isir fil-monasteru ta’ S. Damjan? S’ intendi barra mix-xogħol normali li jsir f’ kull dar: tindif, tisjir, ħidma fil-ġnien, eċċ., is-sorijiet kienu jingħataw għax-xogħol tal-insiġ, il-ħjata, ir-rakkmu u kull attivita’ li kienet marbuta ma’ l-aktar industrija importanti tas-seklu 13, jiġifieri t-tessuti. Skond Suor Cecilia, li tkellmet matul il-proċess tal-kanonizazzjoni ta’ S. Klara, insibu li “Klara, billi qatt ma riedet toqgħod b’ idejha marbuta, ma tagħmel xejn, anke waqt l-aħħar marda tagħha, kienet titlobhom iqajmuha u jqiegħduha bilqiegħda fis-sodda, u toqgħod tinseġ. Mill-insieġ tagħha, imbgħad, kienet tagħmel ħafna korporali u boroż li jitqiegħdu fihom, miksijin bil-għażel jew fin. Wara li tibgħathom biex jitbierku mill-Isqof, kienet imbgħad, tqassamhom fil-knejjes tad-djoċesi ta’ Assisi. Hija kienet tal-fehma li tat minnhom lil kull knisja.” (ProcCan 6,14 {FSK 409}) Dak li qalet din is-soru, ġie kkonfermat minn tlett



xhieda li Klara kienet tagħmel ukoll trieħi tal-altar, filwaqt li s-sorijiet kienu jieħtu d-drapp u l-patrijiet kienu jeħduhom fil-knejjes u jagħtu minnhom lis-saċerdoti li jżuru l-monasteru ta' S. Damjan (ProCan 2,12 {FSK 327}) u (ProCan 9,9 {FSK 439} qalet li saru ħamsin par). Ta' dan kollu għandna konferma fil-Bulla tal-kanonizzazzjoni tagħha 16 {FSK 586} u fil-*Leggenda ta' S. Klara* 28 {FSK 629} (ara wkoll LegVerCl 25 {FSK 544}). Bħal Franġisku, hija riedet tagħti eżempju lill-oħrajn.

L-insieġ li kienet taħdem bih Klara wisq probabbli kienet ix-xoqqa tal-għażel. Imma kienu jużaw ukoll id-drapp tal-ħarir, *lazzo* u *sciamito*. Huwa fatt li Klara, sa minn ckunitha, tgħallmet taħdem bis-suf b'għodda artiġjanali. Illum b' għajnejna stess, fost ir-relikwi li hemm fil-Bażilika ta' S. Klara, nistgħu naraw, fost l-oħrajn, tazza tal-ħġieġ, li fiha balla ovali tal-ħajt tal-insieġ, li kienet taħdem bih S. Klara u kamzu li ħadmet hija stess.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## S. Franġisk u l-lebbruż

Qabel it-talba tal-Angelus, il-Papa Benedittu XVI, nhar it-12 ta' Frar, qal fost l-oħrajn :

" …...Uno splendido commento esistenziale a questo Vangelo è la celebre esperienza di san Francesco d' Assisi, che egli riassume all'inizio del suo Testamento: "Il Signore dette a me, frate Francesco, d' incominciare a fare penitenza così: quando ero nei peccati, mi sembrava cosa troppo amara vedere i lebbrosi; e il Signore stesso mi condusse tra loro e usai con essi misericordia. E allontanandomi da essi, ciò che mi sembrava amaro mi fu cambiato in dolcezza d'animo e di corpo. E di poi, stetti un poco e uscii dal mondo" (FF, 110). In quei lebbrosi, che Francesco incontrò quando era ancora "nei peccati" - come egli dice - era presente Gesù; e quando Francesco si avvicinò a uno di loro e, vincendo il proprio ribrezzo, lo abbracciò, Gesù lo guarì dalla sua lebbra, cioè dal suo orgoglio, e lo convertì all'amore di Dio. Ecco la vittoria di Cristo, che è la nostra guarigione profonda e la nostra risurrezione a vita nuova!".

---

## →→ Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

**15 - 23 Lulju (mal-Arċisqof)** **5 - 13 Awwissu**

**2 - 10 Settembru** **4 - 14 Novembru ( Art Imqaddsa u Sinaj )**

**Kuntatt :** **P. Twanny Chircop O.F.M.**
**Tel. 21 24 22 54**
**e-mail : comalt@ofm.org.mt**

# *Chiara di Dio*




Il-messaġġ ta' S. Klara llum għadu jiġi nwassal, mhux biss bil-ħajja konsagrata ta' wliedha, is-sorijiet Klarissi u dawk kollha li b' xi mod jew ieħor qed jippruvaw jwassluh f' ħajjiethom, imma wkoll bil-mezzi ta' komunikazzjoni. Fost dawn illum insibu l-*musical* ***Chiara di Dio***.

Is-suġġett ta' dan il-*musical* jitkellem dwar wieħed xiħ li jibda jirrakonta l-ħajja ta' S. Klara. Huwa jitkellem bil-kliem li uża l-Beatu Papa Gwanni Pawlu II: "Huwa verament diffiċli tagħmel distinzjoni bejn Franġisku u Klara". Imbgħad isejjħilhom "fenomeni" u "leggendi". Huwa jfakkar li bejniethom hemm xi ħaġa aktar profonda, li tiftiehem biss bil-lenti tal-Vanġelu u tal-franġiskaniżmu. Imbgħad jitkellem ukoll mill-lat uman tagħhom.

Qabel ma jiġi svelat il-misteru tar-raġel xiħ, fl-aħħar tal-ispettaklu, jerġa' jinstema' l-leħen tal-Papa li jgħid : "Huwa neċessarju li nerġgħu niskopru l-persuna ta' Klara anke fi żmienna, il-karizma tagħha, il-vokazzjoni tagħha, il-leggenda ta' Franġisku u Klara, għaliex dan huwa neċessarju għall-ħajja tal-Knisja". Hawn tidher Klara li qed tmut, imdawraha minn uliedha s-sorijiet. Fix-xena tidħol oħtha Agnese u s-sorijiet jgħidulha dwar oħtha u jaqrawlha t-testament. Filwaqt li Klara tgħannaq lil Agnese u tgħidilha biex ma tibkix, titlobha ċirasa. B' sorpriża kbira soru jġibilha ċirasa, minkejja li fix-xahar t' Awwissu ma jikbirx dan il-frott. Imbgħad il-*musical* jitkompla b' fatti minn ħajjiet Klara, fejn turi ruħha bħala omm. Fl-egħluq tidher ruħha tinqgħad għal dejjem mal-Mulej.

Kien fl-2004 li, Carlo Tedeschi, bniedem ta' fidi kbira u ta' esperjenza kbira t' attur, kiteb u beda jiddirieġi dan il-*musical*. Andrea Tosi ħa ħsieb il-mużika u l-arranġamenti neċessarji, filwaqt il-korografija hija f'idejn Gianluca Raponi. Il-parteċipanti huma kollha professjonisti. F' Assisi diġa saru 'l fuq minn 600 rappreżentazzjonijiet u mal-52.000 persuna attendew. Bħalissa qegħdin jsiru rappreżentazzjonijiet ġewwa t-*Teatro Metastasio* t' Assisi. Għal aktar tagħrif ara : *www.chiaradidio.it*









# 350 sena ilu……..

Nhar il-11 ta' Marzu l-Ministru Ġeneral P. Jose Rodriguez Carballo O.F.M. mexxa Quddiesa Konċelebrata fiċ-Ċentru tal-Irtiri ta' Ponticelli fl-okkażjoni tat-350 sena mit-twaqqif ta' dan il-kunvent mill-B. Bonaventura da Barcellona. Matul din is-sena ġubilari bonaventurjana tista' tintrebaħ ukoll l-indulgenza plenarja.

Min kien Beatu Bonaventura minn Barcellona 1620-1684 ?

Mikiel Battista twieled fil-24 ta' Novembru 1620 ġewwa Riudoms fit-Tarragona - Spanja minn Michele Gran u Caterina Perris. Minħabba fil-kundizzjonijiet prekarji tal-familja, huwa kellu jħalli l-istudji tiegħu u jmur jirgħa n-nagħaġ u jieħu ħsieb l-għelieqi tal-familja. Ta' 18 il-sena, biex jgħen lill-ġenituri morda u foqra, kien sfurzat biex jiżżewweġ, imma wara erbatax il-xahar martu mietet. Huma dejjem għexu f' ħajja kasta. B' hekk seta' fl-aħħar jidħ ol mal-Patrijiet Minuri fil-kunvent tal-irtiri S. Mikiel ta' Escornalbou. Huwa libes it-tonka fran ġiskana nhar l-14 ta' Lulju 1640.




Għal sbatax il-sena baqa' jaħdem fil-kunventi tal-irtiri li kellha l-Provinċja ta' Katalojna. Dejjem kien jfittex li jgħex ħajja mwarrba minn kulħadd. Bejn 1642 u l-1651 għex fil-fraternita ta' Sant' Antonio f' Mora. Wara mar fil-kunventi ta' Figueras u ta' Tarrassa, fejn baqa' ħames snin u hemm wettaq il-ħidmiet ta' kok, ċirkatur, infermier u purtinar. Imbgħad mar fil-kunventi ta' S. Agnese u ta' Escornalbou. Imqanqal mill-ispirtu qaddis, fl-1658 qala' l-permess biex imur Ruma, ħalli jwaqqaf djar tal-irtiri f' dik il-provinċja. Telaq minn Barcellona u għadda Genova u wara żar is-santwarji ta' Loreto u Assisi, fejn fil-knisja ta' S. Damjan, sema leħen divin li qalu biex imur malajr Ruma "ħalli jferraħ id-dar tiegħu". L-ewwel sentejn għaddiehom fil-Kurja Ġeneralizja ta' Araceoli. Imbgħad kien purtinar għal darbtejn fil-Kulleġġ ta' S. Isidior u f' dak ta' Capranica di Sutri.

Wara li kiteb lil Papa Alessandru VII u bl-għajnuna tal-Kardinali Francesco Barberini u Cesare Facchinetti, fl-1662 seta' jwaqqaf l-ewwel kunvent tal-irtiri ta' S. Maria delle Grazie f' Ponticelli fid-djoċesi ta' Poggio Mirteto. Fl-1666 dak ta' Sant' Angelo f' Montorio Romano fid-djoċesi ta' Sabina, fl-1668 dak ta' S. Cosimato ta' Vicovaro fid-djoċesi ta' Tivoli u fl-1677 dak ta' S. Bonventura al Palatino f' Ruma. Wara mewtu, fl-1700 twaqqaf dak ta' S. Pietro f' Pofi fid-djoċesi ta' Veroli u fl-1703 dak ta' Vallecorsa fid-djoċesi ta' Fondi.

Minkejja li sab xi diffikultajiet, huwa qatt ma qatta' qalbu u ried jibqa' jaqdi bħala ajk, għalkemm ġie magħżul bħala gwardjan u direttur jew kummissarju tal-kunventi (tar-Riformella) li huwa waqqaf. Minħabba li kellu umilta kbira u l-għajnuna li kien jagħti lil tant persuni batuta, bosta papiet u tant persuni kienu jgħenuh u kienu jsejjħulu 'l-Appostlu ta' Ruma'. Jingħad ukoll li ħalla xi kitbiet u Alla tah xi doni speċjali.

Miet Ruma fil-kunvent ta' S. Bonaventura al Palatino nhar il-11 ta' Settembru 1684 u l-Papa S. Piju X nhar l-10 ta' Ġunju 1906 ibbeatifikah.

B' xorti tajba anke l-Provinċja Franġiskana Maltija ħasset id-dmir li toffri l-faċilita' ta' żewġ idjar tal-Irtiri : Porziuncola ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u Padova ġewwa Għajnsielem. Alla biss jaf kemm s' issa ħareġ ġid spiritwali u materjali !!!!!

# The Amazonia project of our Order (1)

Iquitos, 27/02/2012
Brothers,
Peace and Goodness!

We are in Iquitos, the Peruvian city on the banks of the Amazon called "Peruvian Manaus." We are in the Amazon, but have yet to arrive in Requena. It is the last leg of the trip. Tomorrow we will continue at 13:00 with expected arrival at dawn on Tuesday February 28.




We have just arrived in the "jungle" known here as the Amazon forest, but I want to share some first impressions and experiences on Peruvian soil. It's been a very rich time of formation, fraternal life, of co-existence with the brothers, and knowledge of the reality and history of the Franciscan presence in Peru, especially of the Missionary Province of St. Francis Solano. The Minister Provincial, Br. Mauro Vallejo, will be coming with us to Requena. He is thoughtful and present to us, just as all the brothers have been very gracious and welcoming.

The six missionaries of the new fraternity arrived on schedule. Some even earlier. The arrival and reception in Lima were very simple, brotherly and cordial. Since the day of arrival, an elderly brother showed us a book of 700 pages, the seventh volume of a collection on the "History of the Franciscan Missions in the East of Peru." Our lodging was in the "Mission Centre". Then I was struck by the fact that the Province has created its own structure (it is part of the statute of the Province) to receive, accommodate, and support the missionaries of the three Vicariates of the Peruvian jungle entrusted to the Province. At the same time, it has a physical independence and privacy while promoting fraternal co-existence with the community.




We prepared the necessary documentation and participated in the meeting of ongoing formation of the brothers of the Province, entitled, "The New Evangelization with a Franciscan Approach". We received medical examinations and recommended vaccinations; visited the fraternities of Lima and did some sightseeing around the city. The convent where we are (Provincial House and formation house) had St. Francis Solano for its first Guardian. Additionally, Peru has given the Church five saints in the beginnings of evangelization: St. Toribio of Mogrovejo (+1606), St. Francis Solano (+1610), St. Rose of Lima (+1617), St. Martin of Porres (+1639), and St. John Macias (+1645). To visit the places where both St. Martin and St. Rose were born and lived on the same street is impressive. We need to "remove our shoes", in fact, because the place is sacred.

***( ikompli fil-ħarġa li jmiss )***

# Is-Serva t' Alla Madre Margerita de Brincat ( 2 )

"Kienet mimlija mħabba lejn Ġesù, tant li għarfet tibni ħajjitha u dik tal-Kongregazzjoni fuq il-Vanġelu. Dan il-proġett evanġeliku ta' ħajja kien imdawwal u msaħħaħ minn ispirazzjoni speċjali: li tpoġġi fiċ-ċentru ta' ħajjitha mħabba mħeġġa lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fl-Ewkaristija f' qagħda ta' adorazzjoni, ta' tifħir, ta' ringrazzjament, ta' immolazzjoni u ta' riparazzjoni."




**L-urna li fiha hemm il-fdal ta' Madre Margherita**

Madre Margerita mietet "b' fama ta' qdusija" fit-22 ta' Jannar 1952, fil-Casa Madre, Rabat, Għawdex, fl-età ta' 89 sena. "Ix-xhieda jgħidulna li kif mietet, għadd kbir ta' nies ġew jitolbu ħ dejha b' qima u devozzjoni," qalet Sr Marika lil IL-ĠENS*illum online.*

Kienet midfuna fil-kripta tas-sorijiet fil-Casa Madre. Il-fama tal-qdusija tagħha baqgħet tikber u bosta nies irrikorrew u għ adhom jitolbuha fil-ħtiġijiet tagħhom. Skont Sr Marika, "il-ħafna ittri li rċevejna u għadna nirċievu minn dawk li qalgħu grazzji

Fl-4 ta' Lulju 1988 il-Kongregazzjoni għexet ġrajja kbira, meta fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu kien miftuħ uffiċjalment il-proċess tal-beatifikazzjoni tagħha minn Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Wara li nġabru bosta dokumenti u nstemgħu ħafna xhieda, fit-22 ta' Jannar tas-sena 2000, il-proċess djoċesan kien magħluq mill-istess Isqof ta' Għawdex, wara l-inkjesta djoċesana li fiha 85 persuna taw ix-xhieda tagħhom.

Fis-17 ta' Frar tal-istess sena nfetaħ il-proċess ta' beatifikazzjoni quddiem il-Kongregazzjoni tal-Qaddisin, f' Ruma. Fl-4 ta' Marzu 2004 ġiet ippreżentata uffiċjalment lill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin f' Ruma, il-*Positio* fuq il-ħajja u l-virtù ta' din il-mara qawwija.

"Issa nistennew, filwaqt li nitolbu bit-tama li l-Knisja tagħraf il-ħajja u l-virtujiet erojċi ta' Madre Margerita u tgħolliha għall-unuri tal-artali," temmet tgħid Sr Marika lil IL-ĠENS*illum online.*

**Nota tal-Editur** : Aħna wkoll ninqagħdu max-xewqa ta' Sr. Marika u nitolbu lil Alla biex il-mument ma jdumx ma jasal. Tkun ħaġa xierqa li nfakkru li l-postulazzjoni tal-kawża tagħ ha hija f' idejn l-Ordni tagħna u P. Ġorġ Aquilina ilu s-snin jaħdem bis-sħiħ fuqha. F' dan il-waqt nirringrazzjaw li tant aħwa tagħna li taw jew qed jagħtu l-għajnuna meħtieġa lil dawn is-sorijiet, kif ukoll fil-ħidmiet, li dawn is-sorijiet qed jwettqu, kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn xuxtna.

**Għal aktar tagħrif** ara : **"Inħobbu l-Imħabba"** - ktieb miktub minn P. Paolo Calliari O.M.V. maqlub għall-Malti minn huna P. Noel Muscat , 1988.

Madre Margerita - artiklu ta' P. Ġorġ Aqulina fir-rivista *Spirtu u Ħajja*, n.5, p. 49-52,April 1987

# Għażiż Ħuna li inti fis-smewwiet

**N.B.** Din it-talba, miktuba minn P. Dionysius Mintoff O.F.M., ġiet mibnija fuq talba ta' Nino Salvaneschi (1886-1968). Huwa kien kittieb, gurnalist u poeta taljan. Ta' 37 sena għama u baqa' magħruf bħala *il cantastorie di Dio*.

Għażiż Ħuna, li inti fis-smewwiet, imbierek dejjem ismek.

Tiġi fuq l-art is-saltna t' imħabba li xandart bil-fomm u wettaqt bl-eżempju matul ħajtek sakemm għodwa waħda fuq La Verna, ħadt fuqek is-sinjal ta' Kristu Msallab fuq il-Golgota. U lejla waħda, għajnejk neqsin mid-dawl u ferħan, kantajt f' S. Damjan l-Għanja tal-Ħlejjaq. Is-sabar ta' kuljum agħtina llum, biex ngħelbu kull tfixkil u niket. Sawwar fina l-umilta u l-ħidma, il-kalma u l-ħeġġa, li għandhom ħafna mill-patrijiet tiegħek.

Ħallina naraw lil ħuna f' kull bniedem u fil-milja tal-ferħ f' qalbna nimxu warajk fit-triq li ftaħtilna. L-għajnuna tiegħek agħtina llum biex inqajmu lil min waqa'; nixxutaw id-dmugħ ta' min jibki; infarrġu lil min ibati u biex ikollna fuq fommna kelma ta' dawl u barka biex ingħiduha lil min niltaqgħu miegħu llum. Agħtina llum xrara ta' ħajja biex fl-aħħar lejl ta' ħajjitna bla biza f' qalbna u bla dnub f' ruħna, inkunu nistgħu insellmu 'l oħtna l-mewt tal-ġisem.

Għażiż Ħuna, li inti fis-smewwiet, inti taf li llum ukoll, bħal fi żmienek, għad hawn ħafna ħażen, rebgħa u mibegħda, li jibdlu lill-bnedmin fi lpup u lill-ħbieb f' egħdewwa. Imħabba mhux ta' kliem ħelu, imma t' egħmil f' waqtu mal-ħolqien kollu li jsawwab f'qalbna għall-ikbar tifħir tal-Mulej.

Għażiż Ħuna, lil inti fis-smewwwiet, bierek lil Provinċja tagħna, kif berikt 'l Assisi. Jekk tara qalbna mtaqqla bl-għeltijiet ta' kuljum, tinsiex tara wkoll l-isforzi u l-għeja fil-ħidmiet tagħna, il-buli tar-riħ isfel u l-uġiegħ ta' ġisimna.

Għażiż Ħuna, lil inti fis-smewwwiet, bħal fi żmienek l-agħsafar tal-bejt li jittajru fis-sema għadhom isibu xi jnaqqru fl-art, għinna biex nkunu ħfief u żgħar bħalhom u nittamaw fil-ħniena t' Alla.

## IL-PROVINĊJA TAGĦNA - Etajiet

**90+ 4 80+ 7 70+ 9 60+ 12 50+ 21 40+ 5**

**30+ 6 20+ 4 Total : 68** *Ħajr : P. Alfred Sciberras ofm*

**Mulej Qaddis, int bgħatt lil Franġisku t' Assisi biex iħabbar lill-bnedmin il-kelma tiegħek li ssalva, agħmel li ħafna żgħażagħ jilqgħu l-istedina tiegħek biex jaħdmu għax-xandir tal-Vanġelu.**

# AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA TAGĦNA

Fiż-żmien qaddis tar-Randan, bosta aħwa pprietkaw l-eserċizzi mqaddsa jew mexxew irtiri, kemm fil-knejjes tagħna kif ukoll fi knejjes jew postijiet oħra. Fid-Dar tal-Irtiri Porziuncola kien hemm bosta gruppi li għamlu użu minn din id-Dar f' dan iż-żmien qaddis.

Fil-11 ta' Marzu P. Adrian J. Cachia mexxa Quddiesa Konċelebrata fil-knisja tagħna tar-Rabat, fl-okkażjoni tal-40 sena mis-saċerdozju u l-professjoni tiegħu.

Fid-19 ta' Marzu ġiet iċċelebrata l-festa solenni ta' S. Ġużepp fil-knisja tagħna tar-Rabat. Hija frott ta' għaqda qawwija li hemm bejn il-patrijiet tagħna u l-membri tal-Arċikonfraternita ta' S. Ġużepp, li għandha l-Oratorju tagħha anness mal-knisja tagħna. Bħas-soltu ħafna nies attendew iċ-ċelebrazzjonijiet li saru bħala preparazzjoni għal din il-festa. Il-Banda Ċittadina L' Isle Adam tat sehem qawwi f' din il-festa. Din is-sena kien hawn ukoll fostna Mons. S. Magro O.F.M., Vigarju Apostoliku ta' Benghazi, wara li s-sena l-oħra, minħabba fil-gwerra ċivili li kien hemm fil-Libja, ma setgħax jattendi.

Fit-23 ta' Marzu, fil-Knisja tagħna tal-Belt, il-Kurċifiss Mirakoluż reġa' ġie espost għall-jum sħiħ ħdejn l-altar maġġur. Barra li ġew ċċelebrati bosta quddies, kien hemm talb ta' fejqan u l-patrijiet kienu disponibbli l-jum kollu għall-qrar. Ġew organizzati pelleġrinaġġi wkoll mill-kunventi tagħna. Filgħaxija Mons. M. Grech, l-isqof ta' Għawdex, mexxa Quddiesa Konċelebrata. In-nies ma qattet qatt. Dak inhar fuq *Radju Marija* tkellem ħuna P. Noel Muscat dwar il-missjoni franġiskana tal-Art Imqaddsa.

Bejn l-24 u s-27 ta' Marzu, il-Kardinal Jao Braz de Aviz, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Istituti tal-Ħajja Konsagrata u s-Soċjetajiet ta' Ħajja Apostolika għamel żjara ġewwa pajjiżna. Fost l-oħrajn huwa qaddes fil-kappella tal-Klarissi għas-sorijiet klawstrali kollha ta' Malta. Għall-laqgħat li saru f' Malta u Għawdex, attendew bosta aħwa.





## FESTI MEJJU 2012 BIRTHDAYS

| FESTI | BIRTHDAYS |
|---|---|
| 03. P. Alexander Borg<br>P. Sandro Overend<br>- Provincjal<br>12. P. Cherubim Galea<br>19. P. Ivo Tonna | 07. P. Charles Diacono<br>08. P. Mark Enriquez<br>27. P. Raymond Falzon |

***Xewqat qaddisa*** **!!!!!!!!**

# L-aħwa tagħna li jinsabu f'xi dar tal-anzjani

**Dar tal-Kleru - Birkirkara**

**P. Pietru-Pawl Meliak** **P. Arthur Azzopardi**

**Dar S. Pawl - Ħamrun**

**P. Benjamin Galea**

**Villa Messina – Rabat**

**P. Kamillu Aquilina**

***Xieraq li nsibu ħin biex imorru nżurhom !!!!!!!!***

## WERREJ


| | |
|---|---|
| Il-Kitbiet ta' S. Klara | 2 - 3 |
| S. Klara u x-xogħol | 4 - 5 |
| *Chiara di Dio* | 6 |
| 350 sena ilu | 7 |
| *The Amazonia project of Order* | 8 |
| Margherita de Brincat (2) | 9 |
| Għażiż ħuna ……… | 10 |
| Aħbarijiet tal-Provinċja tagħna | 11 |


## OFM - LINK


L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 3200
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fralex@maltanet.mt

Għall-aħħar aggornamenti
http://www.ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.